## HSIEB

*Ta'* Emmanuel Agius

Harist bil-mikroskopju
Lejn qatra ilma infett,
Rajt ġeġwiġija jiġru
Mikrobi miż-żgħar nett.
Harist mit-tieqa għall-misraħ
Ta' quddiem San Ġwann,
Rajt ħafna nies imgħaġġla,
Min sejjer 'l hemm, min 'l hawn.
Qgħadt naħseb ftit bir-reqqa:
Bejn mikrobi u nies,
Ma nafx il-firda hix kbira
Biżżejjed biex titqies.
Haġa jien naf: li nies
U mikrobi t-tnejn
F'wisq qasir żmien jintemmu
U qisu ma kien xejn.

---

## ĊAPĊIP

*Ta'* Robert Magro

"M'hawnx bħalu, għalih m'hawnx",
U bħalu ma kienx hawn.
Ngħolluh, nerfgħuh".
Tellgħuh fuq l-ispallejn,
U bih fit-toroq ġrew
In-nies ferħana.
"Osanna, m'hawnx bħalu,
Tassew mhux ħlief feddej,
Arawh, ġej, ġej!"
U għadda bħal bosta,
U nsewh bħal qatt kien xejn
In-nies belhana.
Hekk tgħajjat id-dinja;
U tħobbok u tħaddnek,
"Ngħolluh, nerfgħuh."
Tgħollik għal xejn ta' b'xejn;
Idur ir-riħ, jinsewk
In-nies xebgħana!



## WERREJ TAL-GHOXRIN SENA


faċċata.

**a. c.**
Reċensjoni ... 31

**Agius, Emmanuel, B.Sc., M.D., D.P.H., D.Bact. (London)**
*Is-Sigriet ta' Mejju* ... 21
*Hsieb* ... 134

**Agius, Marju**
*Ballata* ... 57

**Amedy Charles, Brother**
Insewwu l-Iżbalji Tagħna ... 91

**Apap, Vic.**
Gidba Żgħira ... 14
*Iż-Żifna tal-Friefet* ... 53
*L-Iskrun ta' l-Ajruplan* ... 131

**Barbara, Patri V.V., O.P.**
*Ballata* ... 45
*Ave Maria* ... 98

**Biancardi, Nikol**
L-Arka ta' Noe ... 28

**Born, Patri W., O.P., C.F.**
*Helsien* ... 121

**Briffa, R., B.Sc., M.D.**
*L-Imdina* ... 85

**Camilleri, Dun Frans**
*Ward l-Imħabba* ... 9
*Il-Ballata tal-Ġenniena* ... 47
Trab ... 129

**Cassar Pullicino, Ċ.**
"Bianca" ... 19
"Nonny" ... 125

**Cassola, Albert M.**
*Il-Ballata tal-Margerita* ... 50
*Nhar l-Akkademja f'ġieħ il-Wisq Rev. Mons. C. Psaila* ... 68

**Chetcuti, Ġorġ**
*Ballata* ... 59

**Chetcuti, Ġużè**
*Lil Malta* ... 4
*Il-Ġmiel ta' Artna* ... 128

**Copperstone, Kan. A.**
*F'Jum l-Ingress tal-Maħbub Mons. M. Gonzi, D.D., l-Ewwel Metropolita ta' Malta* ... 82

**Cremona, A.**
*Xi Żmien kien dak!* ... 12
Il-Konkors tal-Ballati ... 33
Rev. Chas. L. Dessoulavy Ph.D. ... 99